IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 26**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Ħamis 1 ta' Settembru fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi-Ċerpersin |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |

**Peress illi ċ-Ċerpersin kien skużat, ippresieda l-laqgħa l-Viċi Ċerpersin is-Sur Paul Galea.**

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B24**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B24 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin is-Sur Paul Galea u mis-Segretarju Eżekuttiv. *Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B24*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B24** *Punti li joħorġu mill-Minuti B24*

2.01 4.01 Il-Viċi Ċerpersin is-Sur Paul Galea informa l-laqgħa li l-konkos taċ-*Chadwick Lakes* kien għadu ma ngħatx. Il-membri saħqu li hemm bżonn ta' madwar 6 jardi konkos sabiex tingħalaq din il-ħofra. *Konkos iċ-Chadwick Lakes*



KUNSILL LOKALI IR-RABAT

8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| 2.02 | 4.02 Kien hemm qbil li tintalab listà lill-kuntrattur tal-qtugħ ta' ħaxix, tax-xogħol li kien diġa sar. | Qtuħ ta' ħaxix il-Baħrija |
| 2.03 | 7.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-tabella ta' Triq it-Tin kienet saret. | Tabella Triq it-Tin |

**3.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B25**

| | | |
|---|---|---|
| 3.01 | Il-minuti tas-seduta nru B25 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin is-Sur Paul Galea u mis-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B25 |

**4.00 Diskussjoni dwar Finanzi**

| | | |
|---|---|---|
| 4.01 | L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-*Management Accounts* għall-ewwel sitt xhur tas-sena 2016, liema *Management Accounts* jinsabu annessi ma' dawn il-minuti.<br><br>Il-Viċi Ċerpersin is-Sur Paul Galea ppropona li dawn il-*Management Accounts* jiġu approvati. Issekondat din il-proposta Is-Sra. Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament. | Diskussjoni dwar Finanzi |

**5.00 Komunikazzjoni mill-Membri**

| | | |
|---|---|---|
| 5.01 | Is-Sur Anġlu Portelli qal li hemm siġar selvaġġ, fi triq tas-Santi, bejn l-Imġarr u l-Baħrija li hemm bżonn jinqatgħa. | Qtugħ ta' siġar selvaġġ bejn ir-Rabat u l-Imġarr |
| 5.02 | Is-Sur Anġlu Portelli qal li hemm ħofra fil-kantuniera maġenb is-*sub station* ta' Bieb ir-Ruwa, fejn qed isir ix-xogħol, li hija perikoluża peress li wieħed irid joħroġ f'nofs it-triq sabiex tevitaha. | Ħofra fejn is-*sub station* ta' Bieb ir-Ruwa |
| 5.03 | Is-Sur Anġlu Portelli saħaq dwar il-bżonn li jibda jiġi ordnat pulizija sabiex jagħmel sorveljanza tal-bandli tal-Baħrija, minħabba ż-żgħażagħ li qed ikun hemm jiffrekwentaw il-bandli. | Bandli tal-Baħrija |
| 5.04 | Is-Sur Anġlu Portelli saħaq dwar in-nuqqas ta' attendenza taċ-Ċerpersin is-Sur Paul Grech għas-seduti tal-Kumitat Amministrattiv. Huwa qal li s-Sur Paul Grech għandu jitfa ir-riżenja tiegħu jekk ma jistax ikompli jagħti l-kontribut tiegħu. | Nuqqas ta' attendenza taċ-Ċerpersin |

**6.00 Korrispondenza**

6.01 Ma kien hemm l-ebda korrispondenza x'tiġi diskussa.

## 7.00 Materji Oħra

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kienet intbgħatet komunikazzjoni min-resident ta' Triq il-Ġnien tan-Nigra, dwar il-*Bring In Sites*. Ir-resident qed jitlob sabiex dawn jitneħħew min fejn ir-residenza tiegħu peress li r-rimi ta' ħġieġ matul il-lejl u l-ħmieġ li qed jitħalla madwarhom qed joħloq inkonvenjent. Wara diskussjoni li saret kien hemm qbil li dawn jiċċaqalqu.

*Bring In Sites* ta' Triq il-Ġnien tan-Nigra

7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kumitat ir-rapport preżentat mil-Kunsillier Ian Vassallo, dwar l-istat tal-Baħrija u l-madwar.

Rapport dwar il-Baħrija, mil-Kunsillier Ian Vassallo

## 8.00 Data tas-seduta li jmiss

8.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 6 ta' Ottubru 2016 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Data tas-seduta li jmiss

8.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.40 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum il-Ħamis 10 ta' Novembru 2016

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**